BIRŻEBBUĠA

"Dar Birzebbuga" Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165 Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

**Minuti tal-laqgħa numru 07/13 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar il-Erbgħa, 24 ta' April 2013 fil-5.30pm**

| *Preżenti* | *Membri* |
|---|---|
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>**Is-Sur Kevin Barun**<br>**Is-Sur Carmelo Cachia**<br>**Is-Sur Charles Muscat**<br>**Mrs Bernardette Pace**<br>**Is-Sur Stanley Zammit** |
| **Segretarju Eżk.** | **Maria Galea** |
| **Skużat** | **-** |

## *AĠENDA -1*

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 05/13 u 06/13 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija. S.Zammit ippropona u C.Muscat issekonda mozzjoni biex il-Minuti Nru. 05/13 u 06/13 ikunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett. Kulħadd qabel.

## *AĠENDA -2*

*04/04 -* Tressaq fuq il-mejda rapport li sar fl-01/04/13 fuq inċident li seħħ nhar it-28/03/13 f'Dawret il-Qalb Imqaddsa. Il-kwerelant qed jirrapporta li għamel ħsara lill-karozza minħabba tappiera mgħollija. Wara diskussjoni l-Kamra qablet li ma tilqax it-talba għall-ħlas tal-ispejjeż minħabba li r-rapport ma sarx fuq il-post u fil-ħin tal-aċċident.

*05/04 -* Tressqet talba quddiem il-Kamra sabiex bejn l-14 ta' Ġunju 2013 u l-14 ta' Settembru 2013 fil-*weekends* jintrama *Bouncy Castle* fil-Bajja s-Sabiħa n-naħa ta' Wesgħa Carmelo Caruana. Wara diskussjoni l-Kamra laqgħet din it-talba bil-kundizzjoni li l-applikant jippreżenta l-Kunsill Lokali *insurance* kif ukoll *Safety Certificate*.

*06/04 -* L-Aġenzija Sedqa qed tniedi *video* mużikali bit-titolu ta' 'Stick No Bills' biex jippromwovu l-prevenzjoni tal-abbuż tad-droga. Qed jitolbu l-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali sabiex issir il-*launch* ta' dan il-proġett nhar it-23 ta' Ġunju 2013, fil-Bajja s-Sabiħa. Wara diskussjoni l-Kamra faħħret din l-inizjattiva u tat l-approvazzjoni tagħha għal dan il-kunċert mużikali. Il-post propost hu l-Greek Theatre.

*07/04* - Bħas-snin preċedenti l-Birżebbuġa St. Peter's F.C ressqu talba quddiem il-Kamra sabiex jingħataw permess li f'Ġunju sa Settembru 2013 jużaw Wesgħa Carmelo Caruana għal skopijiet ta' *fund raising*. Permess mill-MEPA diġa nħareġ. Ukoll f'ittra separata qed jitolbu l-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali sabiex waqt il-*fund raising* ikun jista' jinbiegħ ikel tradizzjonali minn mal-ġenb tas-sit kif ukoll f'ħames okkażżjonijiet jkun jista' jsir reklamar bit-trakk tal-kumpanija Vodafone. Wara diskussjoni l-Kamra ma sabet l-ebda oġġezzjoni sabiex jintuża s-sit mill-Club għal skopijiet ta' *fund raising*. Filwaqt fir-rigward ta' bejgħ ta' ikel tradizzjonali il-Kamra ma sabitx oġġezzjoni dment li ma jsirx tisjir fuq il-post, il-bejgħ isir biss waqt ħin l-attivita' tal-Club, ma jingħalaqx il-passaġġ għan-nies kif ukoll ma jkunx hemm vetturi deħlin u ħerġin minħabba l-perikli li joħolqu. Ukoll il-Kamra approvat tqegħid ta' *container* f'Wesgħa Carmelo Caruana u dan għandu jkun/jinżamm f'kundizzjoni tajba.

*08/04* - Il-Kunsill Lokali ġie mitlub sabiex jiġu rranġati t-tappieri li hemm f'Misraħ il-Knisja. Il-Kamra laqgħet din it-talba.

## ***AĠENDA -3***

Wara li l-Kunsill Lokali ħareġ għall-konsultazzjoni pubblika abbozz ta' ligi għall-kontroll ta' Apparat għall-Attivitajiet fil-Bajja s-Sabiħa u ma rċieva l-ebda sottomissjonijiet mill-pubbliku, il-Kamra qablet li għandu jinbeda l-proċess sabiex dan l-abbozz, mehmuż ma' dawn il-minuti bħala Dok A, jiġi approvat bħala *Bye-Law* taħt l-Att dwar il-Kunsilli Lokali.

## ***AĠENDA -4***

Tressqu fuq il-mejda tal-Kamra l-pagamenti għax-xahar ta' April 2013. Peress li ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni jew amendi ġiet approvata biex is-somma ta' €31755.35 titħallas skont skeda Nru. 04/13A.

## ***AĠENDA -5***

1. Is-Segretarju Eżk. infurmat lill-Kamra li:

- x-xogħol fi Triq il-Girgħien lest.

- il-Kunsill għandu żewġ Sejħiet Pubbliċi miftuħa:

  *Sejħa Pubblika Nru. 01/2013* – Servizz ta' Tindif b'Low Emission Mechanical Sweeper fuq il-Promenade tal-Bajja s-Sabiħa, Birżebbuġa

  *Sejħa Pubblika Nru. 02/2013* – Provista u Installazzjoni ta' *Steel Fencing* fil-grawnd tal-Bajja s-Sabiħa, Birżebbuġa

- Transport Malta bdew il-proġett ta' bini ta' bankina ġdida fi Triq Salvatore Cachia Żammit.

- fit-2 ta' Mejju 2013 hemm kunċert tal-Orkestra Nazzjonali fil-Knisja li hu organizzat bejn il-Kunsill Lokali u l-parroċċa.

- għat-tielet darba daħal appell fuq l-għotja tal-kuntratt għall-Provista u Installazzjoni ta' Bandli, *fence* u *soft flooring* fi Ġnien il-Kunsill Lokali, Ġnien Profs. A. Tabone u Ġnien Mons. Ġużeppi Minuti.

- fl-1 ta' Mejju 2013 fi Triq Birżebbuġa bejn is-7.00am u 12.00pm ser tiġi organizzata *car wash* mis-Soċjeta' Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa. Il-Kamra ma sabet l-ebda oġġezzjoni dment li t-triq titħalla nadifa wara l-attivita'.

- Ġie ppreżentat fuq il-mejda tal-Kamra r-rapport tar-raba' kwart tas-sena li jkopri Ottubru – Diċembru 2012. Dan ġie approvat mill-Kamra.

2. Il-Viċi Sindku, is-Sur K.Barun :

- Talab sabiex il-Kunsill Lokali jkompli jaħdem id f'id mal-għaqdiet u jibqa' jinċentiva l-attivitajiet organizzati mill-għaqdiet lokali.

- Il-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ iffinalizza l-proġett għal-lokal, fil-fatt dan ser jiġi sottomess sa l-aħħar tal-ġimgħa.

3. Il-Kunsillier, is-Sur S.Zammit :

- Irringrazzja lill-Kunsill talli tah l-opportunita' sabiex jattendi seminar – *Benefit with Alternative Energy and Waste Management*. Minn dan is-seminar punt importanti li ħareġ hu li l-Kunsilli għandhom jieħdu miżuri sabiex jinċentivaw ir-riċiklaġġ tal-iskart għaliex dan inaqqas mill-iskart organiku u b'hekk apparti li ngħinu l-ambjent inkunu qed innaqqsu l-ispiża tal-Kunsill Lokali għal rimi ta' skart. Ukoll ikun għaqli li tibda tintalab *data* uffiċjali ta' kemm il-lokal jiġġenera skart.

- Hemm bżonn li jitneħħa l-ġebel żejjed u titpoġġa ftit ħamrija fis-*central strip* ta' ħdejn il-*gun post* fi Triq Għar Dalam. Ir-residenti lesti li kif jitlesta x-xogħol jibqgħu jieħdu ħsieb l-*area* huma.

- Informa l-Kamra li r-restawr tal-Kappella tad-Duluri ser jibda minn Mejju ta' din is-sena, skont kif intqal fil-Parlament.

- Informa l-Kamra li fil-Parlament ser jitressqu mistoqsijiet parlamentari fir-rigward tal-Kappella tad-Duluri; ir-regola tal-150m tal-Enemalta; Għar Dalam junction; il-grawnd tal-futbol u l-bini tal-*pitch* tal-waterpolo.

- Talab sabiex il-Kamra tkun aġġornata x'sar fuq il-*cameras* li kellhom jeħlu fi Ġnien il-Kunsill Lokali, f'Tal-Papa.

4. Il-Kunsilliera, is-Sinjura B.Pace :

- Talbet lill-Kamra sabiex il-laqgħat tal-Kunsill Lokali jibdew isiru l-Ħamis flok l-Erbgħa minħabba mpenji ta' xogħol. Kulħadd qabel.

- Infurmat lill-Kamra li qed taħdem sabiex jiġu organizzati ġiti għal Sqallija għar-residenti.

- Infurmat lill-Kamra li l-attivita' ta' Jum l-Omm ser issir fl-10 ta' Mejju 2013.

5. Il-Kunsillier, is-Sur C.Muscat:

- Informa l-Kamra li s-sidien tal-irmiġġi tad-dgħajjes ta' Wied il-Buni ntalbu jneħħu d-dgħajjes tagħhom għaliex imminenti li jibda x-xogħol min-naħa tal-Port Ħieles fil-bajja. L-Għaqda Sajjieda Dilettanti Birżebbuġa talbet lill-entita' kkonċernata sabiex jinstab post alternattiv għal dawn l-irmiġġi.

.

6. Is-Sindku, is-Sur J.Farrugia:

- Informa l-Kamra li l-Kunsill Lokali ntalab mill-avukat ta' Alfred Schembri & Sons. Ltd sabiex jitħallsu l-pagamenti dovuti lill-Kumpanija. It-talba għall-ħlas ġiet mgħoddija lill-Avukat tal-Kunsill Lokali sabiex jagħtina direzzjoni fuq dan il-każ.

- Il-Kunsill Lokali, wara li għamel talba uffiċjali, attenda laqgħa mas-Sur Uwe Malezki, Managing Director tal-Malta Freeport Terminal sabiex ningħataw aktar informazzjoni fir-rigward tal-iżvilupp li qed jippjana l-Port Ħieles. L-iżvilupp pjanat hu fl-*area* ta' fejn illum hemm l-arbli fi Triq Ħal Far. Spjega kif il-Kunsill Lokali diġa kien għamel ir-rappreżentazzjoni tiegħu fuq dan l-iżvilupp.

***<u>Għeluq</u>***

Is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa fis-7.30pm. Is-Seduta li jmiss ser tinżamm nhar il-Ħamis, 23 ta' Mejju 2013 fil-5.30pm.

.

| | |
|---|---|
| ......................................... | .............................................. |
| **Joseph Farrugia** | **Maria Galea** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżk.** |